**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA’ LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SITTA U GĦOXRIN 25TA’ AWWISSU, 2021**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku s-Sur Ignatius Farrugia u l-Kunsillieri s-Sinjura Marisa D’Amato, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D’Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **26.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA’ APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 26.1.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia l-għada tal-aħħar seduta bagħat ittra li għas-seduta numru 25 ma setgħax jattendi għax inqabad b’xogħol. Dok 1 mehmuż.<br>Il-Kunsillier Dr Tiffany Ann Attard infurmat li ma setgħetx tattendi għas-seduta minħabba li tinsab ma tiflaħx. Dok 1 mehmuż. |
| | | |
| **26.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 26.2.1 | | Fir-rigward ta’ punt 24.7a.4 il-Kunsillier Joseph D’Amato qal li hu qatt ma qabel li Triq il-Ħaddiema issir two way minħabba l-volum ta’ traffiku li jista jgħaddi mil-parti d-dejqa ta’ triq li tiġi fejn it-terminus. |
| | | |
| 26.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tal-ħamsa u għoxrin - il seduta. |
| | | |
| ***26.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 26.3.1. | | Is-Sindku Rita Grima qalet li fuq il-każ tal-bollards li TM qalgħet minn Triq Bronja, mingħajr ma tat ċans lill-Kunsill jiddiskuti waqt seduta, kienet saret laqgħa bejn il-Kunsill fuq il-post fl-10 ta’ Awwissu, fejn dawk kollha preżenti qablu li tali bollards għandhom jerġgħu jitwaħlu fl-immedjat, jsir refresh tal-marki tat-toroq u |

titneħħa yellow bay li hemm quddiem ħanut li m'għadux jiftaħ. It-tliet kunsilliera li ma kienux preżenti waqt din il-laqgħa, infurmaw lill-Kunsill permezz ta' email li jaqblu ukoll mad-deċiżjoni. Is-Sindku qalet li dan kollu sar wara li inkitbet email lill-PM, Ministri tad-distrett u TM u l-Kunsill ma ingħatax tweġiba. Hi qalet li nhar l-Erbgħa 18 ta' Awwissu, l-ħaddiema reġgħu installaw il-bollards, u sar ix-xogħol meħtieġ, kollox bi spiża tal-Kunsill. Dak inhar li kienu qed jitwaħħlu r-resident li kien qed joġġezzjona għalihom, ġie fl-uffiċċju tal-Kunsill jgħajjat kemm jiflaħ u joħodha mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, bit-tgħeddied li sa nhar il-Ħadd kien ser jaqlagħhom. Filfatt dawn reġgħu inqalgħu l-Ġimgħa 20 ta' Awwissu wara nofsinhar, mingħajr ma l-Kunsill kien avżat.

Kulħadd qal li din il-ħaġa hi inaċċettabbli, TM irid jgħati risposta għalfejn qalahhom minħabba persuna waħda biss.
Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, qal li jekk il-Kunsill ser jaċċetta dan l-atteġġjament, dalwaqt waslet l-elezzjoni u l-Kunsill ikun ser jagħti lok li l-awtoritajiet jibdew jimxu minn fuq il-Kunsill, u jistgħu jagħmlu li jridu bil-Kunsill. Il-Gvern/TM qed iwaqqa għaċ-ċajt lill-Kunsill kollu. Il-Kunsill mhux purċinell.

Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li din hi sfida diretta lejn il-Kunsill. TM ma tafx x'hawn fiż-Żurrieq - zebra crossing 2 metri il-bogħod minn fejn inqalgħu l-bollards, id-dawl tax-xems min-naħa minnhom jiġi f'għajnejk, b'konsegwenza ta' inċident. Il-Kunsilliera Marisa D'Amato u Kyle Mifsud issuġġerew li tinħareġ stqarrija li l-Kunsill jiddisassoċja ruħu minn dan l-atteġjament u minn kull incident li jista jinqal minħabba t-tneħħija ta' tali bollards.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill għandu jinforma fid-detall x'ġara u li l-Gvern daħal f'pika mal-Kunsilli Lokali, u l-Kunsill għandu jara fejn tidħol il-pożizzjoni legali tal-Kunsill f'dan il-każ. Il-Kunsill ta alternattiva lir-resident, u dan TM kienet tafu u xorta mingħajr konsultazzjoni qabdet u qalgħet tali bollards.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li TM setgħu ġew fil-Kunsill biex jiddiskutu u l-affarijiet jsiru bi djalogu. Hu staqsa jekk waqt li din il-persuna tkun qed taqla tali bollards, biex toħroġ id-dgħajsa tagħha u jsir incident, min kien ser ikun responsabbli tiegħu? Hu qal li l-persuna li qed tappoġġjah hemm bżonn li turi min hi u tiddiskuti mal-Kunsill. Hu żied jgħid li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għandha tappoġġja lill-Kunsill fuq dan il-każ u ssuġġerixxa lis-Sindku biex titkellem mas-Sur Mario Fava. Is-Sindku nfurmat li diġa tkellmet mas-Sur Mario Fava.

Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li r-raġuni li inqalgħu l-bollards, biex tiġi eġevolata persuna waħda, mhux aċċettabbli. Dawn huma flus minn fondi pubbilċi.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-permess tal-bollards ġie minn TM stess u PA qabel ma tat il-permess biex tiddaħħal dgħajsa fil-garage, messa ikkonsultat ukoll mal-Kunsill.
Kien hemm qbil unanimu, li ssir stqarrija stampa.

| | | |
|---|---|---|
| 26.3.2 | | Is-Sindku Rita Grima ġibdet l-attenzjoni li l-Fire point area ġie b'encrochment lill-Kunsill minflok b'devoluzzjoni. Jiġifieri għal tali art il-Kunsill mhu ser iħallas xejn. Tali art trid tibqa fl-istat li qedgħa, ma jistax isir żvilupp fuqha u li tista tintuża għal ħruq tan-nar taż-żewġ festi. **Dok 2 mehmuż.**<br>Is-Sindku qalet li jeħtieġ li jsir tip ta' kuntratt bejn il-Kunsill u l-għaqdiet tan-nar, fejn jitniżżlu punti ta' tindif, obbligi, inċidenti, insurance etc. Kien hemm qbil li jitqabbad l-avukat, biex jagħmel tali dokument u li qabel jiġi ffirmat, ikun iċċirkulat mal-Kunsill kollu għall-approvazzjoni . |
| | | |
| ***26.4*** | | ***SLOW STREETS (Kienu mistiedna biex jiġu Dr Antoine Zammit u s-Sur Mario Fava)*** |
| | | |
| 26.4.1 | | Is-Sur Mario Fava informa li ma setgħax jattendi. Dr Antoine Zammit qal li l-ewwel Kunsill li beda bid-diskussjonijiet kien il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq.<br>Ġew identifikati network ta' toroq biex il-vetturi fihom jgħaddu b'massimu ta' 20 km fis-siegħa, jew ma jgħaddu xejn. Hu qal li din l-inizjattiva, li b'dan l-intervenet li jkun riversibbli u li jista jitħaddem fil-ġranet li jiddeċiedi l-Kunsill.<br>Dan hu kunċett li jista jsir b'cones għal ftit siegħat, jew b'applikazzjoni ta' żebgħa, jew qsari.<br>Dan l-eżerċizzju sar f'ħinijiet u ġranet differenti fiż-Żurrieq. Hu wera n-network li kien ġie proponut liż-Żurrieq.<br>L-ewwel livell ta' intervent hu li jsir is-signage ta' slow streets, li ser tkun komuni bejn il-lokalitajiet kollha. It-tieni livell hu re routeing – toroq li jsiru one-way jew aċċess limitat għall-parkeġġ u aċċess limitat għar-residenti biss. (M'hemmx obbligu li jsiru l-interventi kollha.) It-Tielet livell ta' intervent, hu li jsiru pedestrian crossings biex tinħoloq żoni ta' prijorita għan-nies u li tkun żona aktar pedonali. Ir-raba livell ta' intervent hu li jkun hemm bdil strutturali (landscaping/cycle lane). Jista jkun hemm toroq li jingħalqu għal ċertu ammont ta' ħin biex it-tfal joqgħodu jilgħabu barra, jsiru attivitajiet oħra għal ħin speċifiku. |
| | | |
| 26.4.2 | | Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-membri tal-Kunsill li jridu jiddiskutu aktar dan il-proġett, jagħmlu laqgħa bejniethom u wara terġa issir diskussjoni finali ma' Dr Zammit . |
| | | |
| | | |
| ***26.5*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 26.5.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li twaħħlu t-torrijiet li ġew restawrati fi Triq il-Qrendi u staqsa li jekk il-Kunsill jaqbel tali manutenzjoni tal-kumplament tat-torrijiet ikomplu jiġu restawrati. Qal li jeħtieġ ukoll li is-central strip imsemmija issirilha tisbieh tagħha għax tinsab mitluqa.<br>Kien hemm qbil li tinġabar stima tal-kumplament tal-manutenzjoni tat-torrijiet u jekk ikun hemm fondi biżżejjed, jiġi ordnat ix-xogħol. |
| | | |
| 26.5.2 | | Il-Viċi Sindku staqsa fuq ix-xogħol tal-cat cafe. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li qed nistennew lill-Perit biex tapplika għal permess ieħor biex jissaqqaf is-sit. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 26.5.3 | | Il-Viċi Sindku qal li hemm bżonn ta' tindif aħjar fiż-Żurrieq. Hu qal li hemm vet fi Triq San Martin li ħalla seringi u tissues barra u tferxu maż-Żurrieq. Il-Kunsill prova jikkuntatja lill-Kennies imma ma inqabadx. Dan ġie mnaddaf ġimgħa wara. |
| | | F'dan il-ħin telgħaq il-Viċi Sindku mis-seduta ( 19:45) |
| | | |
| 26.5.4 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal:<br>• biex jitħawlu pjanti fir-roundabout ta' Vjal ix-Xarolla. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dik it-triq hi responsabbli ta' infrastructure Malta. Hu ssuġġerixxa li jħawwel siġra hu. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fi ġnien il-Ġibjun m'hemmx lok għal roti u scooters għax dawn qed iweġġħu lil min ikun għal affarijiet tiegħu. Is-Sindku qalet li l-playingfields 'l quddiem ġejjien, li jistgħu jdaħħlu roti, blalen u klieb fihom. Ma kienx hemm qbil minn kulħadd, li ċertu ġonna għandhom ikunu miftuħin għal dawn l-affarijiet. |
| | | |
| 26.5.5 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet:<br>• Tkellmet mas-Sur Mario Salerno biex issir laqgħa agrarja. Din il-laqgħa ġiet issuġġerita li ssir f'Settembru. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex issir attivita' għal festa ta' San Martin u tiddaħħal magħha attivita' tal-Milied. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Tkellmet mas-Sur Trevor Zahra biex issir attivita' ta' qari fil-vaganzi ta' Novembru. Kien hemm qbil fuq dan. Il-Kunsillier Dino Bonniaci ssuġġerixxa attivita' sportiva f'Wied Fulija jew fi ġnien il-ġibjun. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Staqsiet is-sitwazzjoni fuq il-permess tal-cat cafe. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-perit għadhu ma ssottomettix l-applikazzjoni biex is-sit ikun imsaqqaf. Sadanittant hi qalet li ġabet diversi stimi għal kamra li ser tintuża bħala recovery area għal qtates. L-orħos stima kienet ta' kamra tal-aluminium abjad madwar 3500E. Kien hemm qbil li issir b'aluminium kulur l-injam minflok. Ġabret stimi ta' folji ta' injam marine plywood għal cat shelters (kennels). L-orħos stima kienet ta' 77E kull folja. Tali cat shelters ser jinħadmu bla ħlas minn Parks Malta. ***Dok 3 mehmuża.*** |
| | | |
| 26.5.6 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li:<br>• hemm bżonn li l-Kunsill jagħmel konkos fi Triq Hompesch fejn s'issa m'hemmx tarmak. Ir-risposta li hemm minn IM li qabel ma jsir l-iżvilupp tat-triq, it-triq ma ssirx b'tarmak. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li tali triq tinsab fil-proċess li ssir skont informazzjoni li għandu.<br>• Nirringrazzjaw lill-Clean Malta tax-xogħol li għamlu fi ġnien l-Ewropa.<br>• Nerġgħu niġbdu l-attenzjoni fuq manutenzjoni ta' ħajt li kellhom jagħmlu ta' Clean Malta fuq ħajt tas-sejjieħ fi Triq il-Wied.<br>• Is-Siġar li hemm fi Triq il-Barrieri hemm bżonn li jitnaddaf madwarhom. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Irid jitnaddaf ukoll l-akwata ta' madwar Garden of Eden.<br>• Triq Vincenzo Caruana biex titnaddaf mill-ħaxix. |
| | | |
| 26.5.7 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato :<br>• fakkar fl-attivita tal-24 ta' Settembru li ser issir fil-Knisja Arċipretali.<br>• Staqsa fuq it-tender tal-Mitħna tax-Xarolla u biex issir reminder oħra lill-Perit David Vassallo fuq xogħlijiet li l-Kunsill ġie mwiegħed li jsiru. |
| | | |
| 26.5.8 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici rringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsill fuq il-laqgħa li saret mad-delegazzjoni tal-isports li saret is-Sibt li għadda. |
| | | |
| 26.5.9 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li:<br>• Triq il-Wied tinsab nofsa sfrundata u l-vetturi qed jużaw lane waħda biss tat-triq. Qed tkun perikoluża ħafna. Dan il-każ ser jerġa jiġi mfakkar lill-Perit David Vassallo li kellu jara li dan ix-xogħol ta' tiswija jsir.<br>• Biex issir cctv fi Triq Fra Gan Marie Zammit għax ta' kuljum qed ikun hemm min jitfa l-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill qed iħallas wardens darba fil-ġimgħa, biex jaqbad lil min qed jabbuża, imma f'xahrejn għadu ma inqabad ħadd. Kien hemm qbil li la darba ma inqabad ħadd, dan is-servizz bi ħlas, għandu jinqata fl-immedjat għax xorta għadhom isiru l-kontravenzjonijiet.<br>• Fi Ġnien il-Ġibjun hemm bżonn li jinbidel is-soft area ta' taħt il-bandli. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellmet lil MTA fuqu. |
| | | |
| ***26.6*** | | ***Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa*** |
| | | |
| ***26.7a*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 26.7a.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• Residenti talbu biex Triq San David issir One Way. Ma kienx hemm qbil li ma saritx petizzjoni.<br>• Biex quddiem 2 Triq it-Tjieba issir bollard minħabba l-ħsarat li qed isiru fuq residenża. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jagħmilha r-resident.<br>• Waqt laqgħa li saret mal-ispettur, inġibdet l-attenzjoni biex isiru double yellow lines quddiem iż-Zurrieq Wolves. Il-Kunsilliera Dino Bonnici u Kenneth Farrugia qablu mal-proposta imma ma kienx hemm qbil li jsiru. Il-Kunsillier Marisa D' Amato qalet li m'hemm bżonn li ssir it-tul ta' Triq is-Sajjieda.<br>• Saru diversi ilmenti minn persuni b'diżabilta' li kienu jużaw il-parkeġġ riservat fi Triq il-Kbira, quddiem id-dar abbandunata, li qed jitolbu li tali parkeġġ riservat jerġa jsir. Dan il-parkeġġ kien jintuża minn tmien persuni żgur. Il-lista tal-persuni li jużawha ġiet imdawra mal-kunsilliera. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fl-aħħar minuti ma kienx imniżżel il-kliem eżatt li intqal u li kien żball tal-kunsill li tneħħiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kliem li kellu jitniżżel għax intqal fl-aħħar seduta, |

| | | |
|---|---|---|
| | | kien li fil-kunsill kien hemm qbil li jekk kien hemm parkeġġ riservat immarkat fi Triq il-Kbira u fil-lista tal-persuni b’diabilta’ ma kien hemm ħadd intitolat għalih personali, għandu jitneħħa u dak li sar wara s-seduta u wara li tali lista li inġiebet mid-dipartiment tal-persuni b’diżabilta u ġiet iċċirkolata mal-kunsilliera kollha. Kien hemm qbil li tali parkeġġ għall-persuni b’diżabilita’ jerġa jsir fejn kien.<br>• Il-Kunsill ġie mitlub biex jagħmel basketball board fi Ġnien il-Ġibjun. Inġabru stimi. Kien hemm qbil fuq l-aktar waħda sikura u soda u li din għandha tkun ivitata mal-art.<br>• Ser jinbeda x-xogħol ta’ tiswija tad-dawl tal-Milied li kien jintrama fi Triq P P Saydon. Il-materjal ser jinxtara dirett mingħand l-aġent biex jiġi orħos u t-tiswija ser jagħmilha l-kuntrattur li ien ħadimhom oriġinarjament, għal spiża ta’ 700E. Dawn l-ornamentei meta jkunu lesti kien hemm qbil li jitwaħħlu fi Triq San Gorg u Misraħ il-Karmelitani.<br>• Proposta mis-Soċjeta Mużikali Santa Katarina VM biex triq ġdida li ser tinfetaħ f’Bubaqra bejn iċ-ċimiterju u Triq Ħal Far (fejn il-kappella ta’ Santa Agata) tkun imsemmija Vjal il-25 ta’ Novembru. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex Triq Sant Agatha ma Triq Hal Far issir one way għax dejqa wisq għal two way. Kien hemm qbil li l-Kunsill jipproponi li minn Triq San Martin tiġi toħroġ lejn Triq Ħal Far. |
| | | Bħalissa l-ħin hu d-21:00 kien hemm qbil unanimu li s-seduta titkompla sakemm isiru l-items kollha fl-aġenda. |
| | | |
| 26.7a.2 | | Il-persuna li ħadet il-bar tal-Ġnien tal-Ġibjun, qed jitlob biex l-art li fiha l-ħamrija (fejn bħalissa hemm il-cat shelter) biex ipoġġi forn u appliances tal-kċina(form tal-pizza u freezer) u fiha jkun jista jiżra ħxejjex tat-tisjir. Hu talab ukoll biex fuq wara tal-bar jiġi magħluq biex ikun jista jużha għal kaxxi tal-istess bar. Ma kienx hemm qbil fuq dan kollu u li kull meta issir attivita, kif diġa qed issir mill-persuna li ħadet il-bar, dan għandu jsir bil-permess tal-Kunsill u bi ħlas.. |
| | | |
| 26.7a.3 | | Il-Konsulent tal-Kunsill fuq PA applications qed jistaqsi jekk l-art fi Triq il-Passju, li ser jieħu l-Kunsill mingħand kuntrattur privat, l-użu tagħha hux ser jibqa għal night shelter. U jekk le, l-Kunsill għandux ħsibijiet għal użu ieħor. Hu informa li l-kuntrattur biddel il-perit tiegħu u sejjaħ laqgħa mal-Kunsill biex jiddiskuti l-lokazzjoni eżatt, u xi bżonnijiet oħra fejn jidħlu l-open space, dħul ta’ scammel fl-akwata etc. |
| | | |
| ***26.8*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA ANNWALI, TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 26.8.1 | | Ġew approvati l-minuti tar-Reġun Nofisnhar numri 49 u 50. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***26.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 26.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 3** għall-ammont totali ta' **48,385.43**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-kunsilliera Marisa D'Amato u Joseph D'Amato. |
| | | |
| ***26.10*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 26.10.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-21:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 22ta' Settembru, 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 22 ta' SETTEMBRU, 2021

IFFIRMAT IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**